MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 690/2010

**Dr Patrick Camilleri**
**ID 209067M**

**Vs**
**Sebastian Agius (ID 277258M) f'ismu propju u f'isem u ghan-nom tas-socjeta' kummercjali Agius and Agius Limited (C 1205)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Mejju, 2010 fejn l-attur talab sabiex it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallsu s-somma ta' elf, tlett mija u disgha u tmenin ewro u hamsin centezmu (€3,389.50) dovuta lill-attur kif gej:

i) In kwantu ghas-somma ta' elf tlett mija disgha u tmenin ewro u hamsin centezmu (€1,389.50) rapprezentanti s-somma ta' elf u hames mitt ewro

(€1,500) li l-konvenut kellu jhallas permezz ta’ zewg pagamenti akkont ta’ seba’ mija u hamsin ewro (€750) li kellhom jigu effetwati fil-15 ta’ Dicembru, 2009 u fil-15 ta’ Jannar, 2010 rispettivament a tenur ta’ klawsola (a) tal-kuntratt datat 28 ta’ Ottubru, 2009 relattiv ghall-pubblikazzjonital-ktieb ‘Sec Success Physics – SEC Questions & Model Answers 2006-2007’ anness fil-process a fol 2 bid-deduzzjoni tas-somma ta’ Euro110.50 rapprezentanti r-retail value ta’ tlettax il ktieb complimentary zejjed konsenjat mill-konvenut lill-attur, u

ii) In kwantu ghas-somma ta’ elfejn ewro (€2,000) dovuta in linea ta’ penali mill-konvenut lill-attur a tenur ta’ klawsola (e) tal-kuntratt fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kollha (inkluz is-somma ta’ hamsin ewro (€50) spejjez extragudizzjari inkorsi mill-attur sa llum) u bl-imghax legali mid-data ta’ meta kien dovut il-hlas sad-data tal-hlas effettiv kontra l-istess konvenut ingunt in subizzjoni.

Wara li gie debitament notifikat il-konvenut ipprezenta risposta tieghu fit-28 ta’ Gunju, 2010 fejn eccepixxa illi fl-ewwel lok ma hemmx relazzjoni guridika bjen Sebastian Agius proprio u l-attur. Fit-tieni lok it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-attur kiser l-obbligi tieghu taht il-kuntratt Dok A.

Flimkien mar-risposta l-konvenut ipprezenta wkoll kontrotalba fejn talab is-somma ta’ elfejn ewro (€2,000) peress illi l-attur kiser il-ftehim billi kien tardiv fil-konsenja tal-materjal li kellu jigi ppubblikat minn Agius & Agius in mala fede u l-kontenut tal-ktieb de quo gie ppubblikat minn terzi.

Risposta ghal din il-kontro talba giet ipprezentata fil-5 ta’ Ottubru, 2010 fejn l-attur ecepixxa illi l-kontrotalba hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi assolutament mhux minnu li l-esponenti kien tardiv fil-kunsenja tal-materjalli kellu jigi ppubblikat, l-esponenti agixxa dejjem in buona fede u ma kienx hemm vjolazzjoni tal-kuntratt da parti tieghu. Ghaldaqstant il-kontro talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Xehed Dr Patrick Camilleri illi l-konvenut kien avvicinah sabiex jippublikaw ktieb dwar il-Fizika ghall-Matsec. Dan kellu jissejjah ‘Sec Success Physics’ u jikkonsisti f’Sec questions and model answers past papers tat-2006-2007. Dwar dan sar ftehim bil-miktub iffirmat miz-zewg partijiet u pprezentat a fol 2 tal-process. Skond dan il-ftehim l-attur kellu jithallas l-ammont ta’ Euro2329 billi jithallas tmien mija u disgha u ghoxrin ewro (€829) mall-iffirmar tal-kuntratt, seba’ mija u hamsin ewro (€750) fil-15 ta’ Dicembru, 2009 u seba’ mija u hamsin ewro (€750) fil-15 ta’ Jannar 2010. L-attur jghid illi ghadda l-pen drive lill konvenut u fil-fatt dan hallsu l-ammont ta’ tmien mija u disgha u ghoxrin ewro (€829). Wara l-15 ta’ Jannar, 2010 l-attur baqa thallasx il-kumplament u minkejja li talab il-flus minghand il-konvenut dan baqa ma hallsux. L-attur qal illi l-konvenut qatt ma ghamel xi ilment dwar il-kontenut tal-pen drive. Huwa qal li minkejja li l-ftehim gie iffirmat fl-ahhar ta’ Ottubru u l-pen drive ghaddiet ukoll ghand il-konvenut il-ktieb ma gie ippubblikat fil-hin.

Ix-xhud spjega illi t-tibdiliet illi ghamel wara lli ghadda l-kontenut tal-pen drive kienu tibdiliet kosmetivi fil-layout tal-ktieb. Wara li gie ppublikat l-ewwel ktieb l-attur beda jitkellem mal-konvenut fuq ktieb ghas-snien 2008-2009 izda ma kienx kuntent bic-cifra li offrielu l-konvenut peress illi l-konvenut beda jghidlu li s-suq ma kienx tajjeb. Meta l-attur ra din l-attitudni kkuntatja lil Miller Publishers u sussegwentement harget il-pubblikazzjoni ma Miller Distributors u cioe dak il-ktieb ghas-snin 2008-2009.

In kontro ezami Dr Camilleri jghid illi ma kienx hemm ftehim dwar target date sakemm jigi kkumpletat il-ktieb u li hu kien ghadda l-pen drive fis-6 ta’ Novembru 2009. Malli l-attur ghadda l-pen drive lill-konvenut dan iddownlowdjah fuq il-kompjuter. Din il-pen drive kien hadha wkoll direttament ghand il-Union Press u wara beda jitkellem direttament mal-Union Press.

L-attur jikkonferma illi wara li ghadda l-pen drive kienu saru xi tibdiliet kosmetici izda l-ktieb setgha jkun

ippubblikat kif kien fil-bidu. Dan ix-xhud jghid illi l-ftehim ma Miller Distributors sar fl-24 ta’ Frar, 2010.

Fit-2 ta’ Novembru, 2010 xehed Mark Mercieca li huwa haddiem tal-Union Print Company Ltd u jahdem bhala manager tal-prepress dipartment. Fiz-zmien in kwistjoni tal-pubblikazzjoni u kien jahdem bhala designer. Dan ix-xhud jikkonferma li l-attur kien ghaddielu pen drive li fuq kien hemm materjal tal-PDF li minnu hadmu l-ktieb u stampawh, jghid illi din il-pen drive l-attur ghaddihielu fil-bidu ta’ Novembru 2009. Kif ircevewh dan il-PDF file kellhom jaqilbuh ghas-sistema taghhom u dan il-process gie kompletat fl-20 ta’ Novmebru, 2009.

Dan ix-xhud jghid illi kien jikkuntatja lil Dr Camilleri regolarment u dan kien jigi mill-ewwel. Dan ix-xhud ikkonferma li l-ktieb kien lest ghall-pubblikazzjoni fl-20 ta’ Novembru, 2009. Minkejja dan Sebastian Agius hadilhom l-ewwel erbgha pagni bl-isem tal-publisher u l-ISBN number u d-dettalji ta’ Agius & Agius fl-14 ta’ Jannar, 2010. Finalment dan ix-xhud qal illi huma dejjem kienu qed jistennew l-istruzzjonijiet min-naha ta’ Agius & Agius sabiex imexxu.

In kontro ezami dan ix-xhud qal illi meta semma l-20 ta’ Novembru, 2009 il-ktieb setgha jigi stampat u t-tibdiliet kienu fid-dettalji ta’ l-ewwel zewg pagni dwar il-pubblikatur li kienu gew suggeriti mill-konvenut. Ix-xhud qal illi wara l-20 ta’ Novembru, 2009 ghalkemm il-ktieb kien lest ghall-istampar huma kienu qed jistennew il go ahead mill-publisher u mhux mill-attur sabiex dan jigi ppublikat.

Il-konvenut xehed permezz ta’ affidavit illi gie pprezentat fil-11 t’April, 2011. Huwa qal li kien hu li avvicina lil Dr Patrick Camilleri biex ihajru jippubblikaw mudelli ta’ twegibiet u soluzzjonjiet tal-ezamijiet tal-Matsec. Dr Camilleri wera l-interess tieghu f’Awissu 2009. Dan ix-xhud qal illi lill-attur qallu illi fil-kaz tal-fizika jibdew bis-snin 2006-2007 u jekk irid jaghmlu ktieb iehor li jkopri s-snin 2008-2009. Qal ukoll illi fid-9 t’Ottubru 2009 l-attur cempel lill-konvenut u qallu li l-ktieb kien lest. Fit-28 t’Ottubru 2009 waslu ghall-ftehim ta’ hlas ta’ elfejn tlett mija disgha

u ghoxrin ewro (€2,329) u print run ta’ 4000 kopja. Il-konvenut qal ‘Rega tenna li x-xoghol tal-ktieb kien komplet fuq il-pen drive u ghaldaqstant jien stajt nippubblikah halli jkun lest ghall-Fiera tal-ktieb tas-16 ta’ Novembru, 2009.

Il-konvenut fix-xhieda tieghu qal illi ffirmaw il-ftehim u li l-attur tah il-pen drive u tah flus kontanti. Dan ix-xhud ikkonferma illi l-attur mar mieghu ghand il-publisher fl-4 ta’ Novembru, 2009. Imbaghad dan ix-xhud kompla jfiehem il-generu tax-xoghol tieghu u qal illi la l-ktieb ma kienx lest ghall-fiera tal-ktieb allura kien ikun ahjar jekk jippubblikawh ghal Frar 2010. Fuq dan Dr Camilleri ma qabilx u ppretenda li l-ktieb jigi ppublikat fil-bidu ta’ Dicembru 2009. Il-konvenut jghid illi ma setax ihallas lill attur il-flus miftehmin f’Dicembru u Jannar meta l-ktieb ma kienx ippubblikat. Filfatt il-konvenut wieghed lill attur illi jhallsu kollox f’Gunju 2010. Il-ktieb miftiehem gie ppublikat fl-10 ta’ Frar 2010 u ftit wara l-konvenut sar jaf li Miller Distributors ippubblikaw ktieb simili ghal Sec Success Physics u semmewh Sec Physics u l-awtur tieghu kien Dr Patrick Camilleri.

Il-konvenut jghid illi minhabba nhareg il-ktieb 2008-2009 il-bejgh tal-ewwel ktieb naqas drastikament peress illi n-nies jixtru dejjem ta’ l-ahhar. Imbaghad il-konvenut elenka l-ammont ta’ danni li soffra li minkejja li dan qabez l-erbat elef u tlett mitt ewro l-konvenut irriducja l-kontro talba ghal elfejn ewro (€2,000).

Xehed George Busuttil li kien jahdem mal Union Press li qal illi minkejja li jaf lill-attur u l-konvenut u l-kwistjoni tal-ippubblikar tal-ktieb, ix-xoghol tieghu kien assenjat lil Mark Mercieca. Dan ix-xhud in kontro ezami jghid illi l-konvenut qatt ma kellu xi lment ghar-rigward ta’ Dr Camilleri fuq dan ix-xoghol.

Xehed ukoll James Borg li kien impjegat ma Agius & Agius u qal illi kien prezenti ghad-diskussjonijiet bejn Dr Camilleri u Agius. Hu qal illi jaf li l-attur kien ta’ pen drive lill-konvenut izda jaf ukoll illi wara dan kien hemm telefonati min-naha tal-attur sabiex isiru xi modifiki fil-kontenut. Jaf ukoll dan il-ktieb kellu jkun ippubblikat ghal

Novembru 2009 minhabba l-fiera tal-ktieb. Pero in kontro ezami jghid illi dan kollu jafu ghax qalulu l-konvenut u mhux ghax semahhom fid-diskursata.

It-Tribunal wara li sema x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti miz-zewg partijiet jara li din hija kawza fejn l-attur qed jitlob l-ammont ta' elf tlett mija disgha u tmenin ewro u hamsin centezmu (€1,389.50) ammont li fadallu jithallas minghand il-konvenut wara li tah tlettax il-ktieb complimentary. Kif ukoll l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) dovuta in linea ta' penali skond klawsola (e) tal-kuntratt. Mentri l-konvenut jghid illi dawn mhux dovuti ghax l-attur kien tardiv meta pprezenta l-materjal tieghu. Kif ukoll talab elfejn ewro (€2,000) peress illi l-materjal b'mala fede gie ppubblikat minn terzi taht snin differenti.

It-Tribunal ikkunsidra illi meta ftehmu l-partijiet fil-ftehim ma nizzlux data ta' meta kellu jigi pprezentat ix-xoghol u lanqas meta jigi ppubblikat. Mill-banda l-ohra l-ewwel ftehim kien jinkludi biss il-ktieb tas-snin 2006-2007 u ma sar l-ebda rbit fuq pubblikazzjonijiet sussegwenti ta' dati differenti lanqas ma saret rabta fuq il-format. Di fatti fi kliemu stess il-konvenut jghid illi qal lill-attur li jekk ried setghu jitkellmu fu ktieb ghas-snin 2008-2009. 'Jekk irid' u kieku ried ikollhom jerghgu jiftehmu fuq prezz.Tant hu hekk illi l-offerta tal-konvenut ghat-tieni ktieb ma gietx accettata mill-attur dwar il-prezz u l-attur mar ghand pubblikatur iehor u ftiehem.

It-Tribunal ghalhekk jaqta u jiddecidi dan il-kaz billi jilqa parzjalment it-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' ta' elf tlett mija disgha u tmenin ewro u hamsin centezmu (€1,389.50) li jirraprezentaw l-ammont miftiehem ghal ktieb filwaqt illi jichad it-talba ghall-hlas ta' elfejn ewro (€2,000) fir-rigward tal-klawsola (e) peress illi min-naha tal-konvenut ma nkisret l-ebda regola.

Min-naha l-ohra jichad ukoll il-kontro talba tal-konvenut fejn talab is-somma ta' elfejn ewro (€2,000) minghand l-attur. Ghal hekk it-Tribunal jikkundanna lil Agius & Agius Ltd ihallas lill-attur is-somma ta' elf tlett mija disgha u

tmenin ewro u hamsin centezmu (€1,389.50) lill-attur. Bl-imghax legali mill-15 ta’ Jannar 2010.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------